



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tibda tħaddem applikazzjoni bl-isem ta' "e-Curia" li tippermetti l-preżentata u r-riċezzjoni tad-dokumenti proċedurali esklużivament b'mezzi elettroniċi

e-Curia huwa servizz ġdid b'xejn, intiż għar-rappreżentanti tal-partijiet li jidhru quddiem it-tliet qrati li jikkostitwixxu l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Issa, l-atti proċedurali kollha jistgħu jiġu trażmessi lir-reġistri tal-qrati b'mod elettroniku permezz ta' din l-applikazzjoni sigura. L-avukati u l-aġenti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni li ser jużaw din l-applikazzjoni ma jkollhomx bżonn jikkomunikaw l-atti proċedurali fil-forma ta' "karta" u jkunu eżenti milli jipproduċu kopji awtentikati ta' dawn l-atti.

L-applikazzjoni e-Curia twettaq ir-rieda tal-istituzzjoni li tisfrutta bl-aħjar mod possibbli l-potenzjal tat-teknoloġija tal-informazzjoni sabiex iżżid l-effikaċja tagħha fl-interess tal-partijiet fil-kawża.

Sabiex ikunu jistgħu jużaw l-e-Curia, il-persuni interessati għandhom jitolbu li jinħoloq kont permezz ta' formula ta' talba għal aċċess: <http://curia.europa.eu/e-Curia>

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355